

Brussell, 25 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9272/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0185 (NLE)

AELE 35
EEE 31
N 32
ISL 31
FL 30
MI 387
STATIS 31

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Mejju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 357 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il- Kumitat Konġunt taż-ŻEE, rigward emenda għall-Protokoll 30 (dwar dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-organizzazzjoni ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika) tal-Ftehim taż-ŻEE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 357 final.

Mehmuż: COM(2018) 357 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.5.2018
COM(2018) 357 final

2018/0185 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Komitat Konġunt taż-ŻEE, rigward emenda għall-Protokoll 30 (dwar dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-organizzazzjoni ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika) tal-Ftehim taż-ŻEE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta) għandu l-għan li jiżgura kooperazzjoni kontinwa mal-Istati tal-EFTA taż-ŻEE (in-Norveġja, il-Liechtenstein u l-Iżlanda) fil-kuntest tal-programm statistiku Ewropew 2013-17, li kien estiż sal-2020 bir-Regolament (UE) 2017/1951¹.

L-abbozz anness tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għalhekk jissuġġerixxi li jiġi emendat il-Protokoll 30 (dwar dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-organizzazzjoni ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika) għall-Ftehim taż-ŻEE skont dan.

L-Istati tal-EFTA taż-ŻEE għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-baġit tal-UE għall-parteċipazzjoni tagħhom f'dan il-programm. Il-pożizzjoni dwar dan l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandha għalhekk tiġi stabbilita mill-Kunsill.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt anness jestendi l-politika diġà eżistenti tal-UE għall-Istati tal-EFTA taż-ŻEE (in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-estensjoni tal-acquis tal-UE għall-Istati taż-ŻEE-EFTA, permezz tal-inkorporazzjoni tagħhom fil-Ftehim ŻEE titwettaq f'konformità mal-objettivi u l-prinċipji ta' dan il-Ftehim li jimmiraw lejn l-istabbiliment ta' Żona Ekonomika Ewropea dinamika u omoġena, ibbażata fuq regoli komuni u kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Il-bażi ġuridika**

Il-leġiżlazzjoni li għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE hija bbażata fuq l-Artikolu 338(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94² dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ŻEE jipprevedi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fir-rigward ta' Deċiżjonijiet bħal dawn, wara proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mas-SEAE, tippreżenta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun fil-qagħda li tippreżentah fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE kemm jista' jkun malajr.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklussiva)**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà għar-raġuni li ġejja.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 2017/1951 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 99/2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-17 billi jestendih sal-2020.

² ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6–8

L-għan ta' din il-proposta, jiġifieri li tiġi żgurata l-omoġeneità tas-Suq Intern, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-effetti, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni.

Il-proċess tal-inkorporazzjoni tal-acquis tal-UE fil-Ftehim ŻEE jitwettaq f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea li jikkonferma l-approċċ li ttieħed.

- **Proporzjonalità**

F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tagħha.

- **Għażla tal-istrument**

F'konformità mal-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, l-istrument magħżul huwa d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jiżgura l-implimentazzjoni u l-operat effettivi tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għal dan l-għan, għandu jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet previsti fil-Ftehim ŻEE.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONI EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI, U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- Ma japplikax

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Sabiex ikunu f'pożizzjoni li jipparteċipaw fil-programm statistiku Ewropew, l-Istati tal-EFTA taż-ŻEE għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-baġit tal-Unjoni Ewropea. L-ammont eżatt għandu jiġi ddeterminati ladarba li din id-Deċiżjoni tal-Kunsill tiġi adottata.

5. ELEMENTI OĦRA

- Ma japplikax

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, rigward emenda għall-Protokoll 30 (dwar dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-organizzazzjoni ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika) tal-Ftehim taż-ŻEE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea³, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea⁴ ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 98 tal-Ftehim taż-ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, fost affarijiet oħra, il-Protokoll 30 (dwar dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-organizzazzjoni ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika) tal-Ftehim taż-ŻEE skont dan.
- (3) Sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni kontinwa mal-Istati tal-EFTA taż-ŻEE fil-qasam tal-istatistika, ir-Regolament (UE) 2017/1951 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ jenħtieġ li jkun inkluż fil-Protokoll 30 (dwar dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-organizzazzjoni ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika) yal-ftehim dwar iż-ŻEE.
- (4) Il-Protokoll 30 (dwar dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-organizzazzjoni ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika) tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (5) Għaldaqstant jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni mehmuż,

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Protokoll 30 (dwar dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-

³ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

⁴ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 2017/1951 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 99/2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-17 billi jestendih sal-2020.

organizzazzjoni tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika) tal-Ftehim taż-ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*